# ID-DAR

## *Ta'* Dun Frans Camilleri

Bejta ta' mħabba fejn il-qlub ferħana
    jgħixu fis-sliem, henjin fix-xemx tal-ħajja,
int taf il-ħlewwa, il-ferħ u l-mewġ tal-għana
    li jfawwar f'dawk il-qlub; u taf il-ġrajja

ta' dmugħ u għaks meta l-ulied kotrana
    jinġabru madwar mejda, hekk bħal qtajja'
għasafar żgħar li, imsejkna, il-frak tagħna
    jixxennqu u ma jsibuhx fl-egħlieqi u l-plajja.

Hemm f'qalbek moħbijin fl-ikbar misterju
    il-ħajja u l-mewt. Int tifraħ fi twelidna
u tibki t-tluq qalil għaċ-ċimiterju.

Int tilqa' wlied l-ulied minn żmien għal żmien...
    u waqt li nħallu fik ħajjitna u ġidna,
tilmaħ dil-bidla, siekta... bla waqfien.